GVERN TA’ MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIPARTIMENT STRATEĠIJA U SAPPORT

# ĊIRKOLARI

**Informazzjoni: ✓** **Azzjoni Meħtieġa:✓**

**Ref: DS&S/ 70/2021**

**Mingħand: Id-Direttur Ġenerali Strateġija u Sapport**

**Lis-Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, Kapijiet ta’ Network ta’ Kulleġġ, Assistenti Diretturi, *Service Managers,* Kapijiet tal-Iskejjel Statali, Kapijiet Ċentri dwar Riżorsi, Learning Support Centre Managers, Kapijiet ta' Sezzjoni, Kapijiet tal-Iskejjel mhux tal-Istat.**

**Suġġett:** Leave bi Ħlas dwar Studju - *(Kategorija A)* Sena Skolastika 2021-2022

**Data: 17 ta’ Marzu 2021**

---

Il-Ministeru għall-Edkuzzjoni (MFED) jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għall-Leave bi Ħlas dwar Studju - (Kategorija A) Sena Skolastika 2021-2022 ser jibdew jintlaqgħu min nhar it-Tnejn, 22 ta’ Marzu 2021, sal-Ġimgħa, 9 t’April 2021.

L-iskema ssaħħaħ l-impenn tal-Ministeru għall-iżvillupp professjonali kontinwu tal-Edukaturi li jaħdmu kemm fl-iskejjel tal-Istat kemm dawk mhux tal-Istat.

Id-dettalji dwar l-iskema Leave bi Ħlas dwar Studju - (Kategorija A) jinstabu fid-dokument ***Procedures and Guidelines for Paid Study Leave*** li jista jitniżżel mis-sit elettroniku ta' dan il-Ministeru: http://education.gov.mt. Aktar tagħrif dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet jista’ jinkiseb billi tintbgħat imejl fuq *pdstudyleave.mfed@gov.mt*

L-applikazzjonijiet ser jintlaqghu onlajn, bl-użu tal-eID, permezz tal-formola tal-applikazzjoni elettronika biss aċċessibbli minn fuq is-sit: https://education.gov.mt/paidstudyleave/Pages/Main.aspx

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **nofs-il lejl (Ħin Centrali Ewropew) ta’ nhar il-Ġimgħa, 9 ta’ April 2021.**

Ittra ġġenerata mill-kompjuter tintbgħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni.

**Jintlaqgħu biss l-applikazzjonijiet li jidħlu bl-eForm sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa.**

Applikanti li m’għandhomx e-ID *(l-identita' elettronika)* attivata, huma mitluba li jikkuntatjaw l-Identity Malta.

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni flimkien ma d-dokumenti mitluba jkunu ġew mibgħuta b'suċċess, u li jżommu kopja pprintjata tal-Formola tal-applikazzjoni li jkunu bgħatu u li jipprintjaw kopja tal-*acknowledgement* li jkunu rċevew bl-imejl. Din għandha tinżamm bħala prova li l-applikazzjoni onlajn tkun intbgħatet b'suċċess sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa.

Maria Galea
Direttur Ġenerali